MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 60/2010

**Ramadan Muftah Mgherbi u martu Suhier Yahiya Al Baroni għan-nom u in rappreżentanza ta' binthom minuri Monaliza Ramadan Mgherbi, magħrufa bħala Sally Ramadan Mgherbi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi t-tifla minuri tagħhom Monaliza Ramadan Mgherbi, magħrufa bħala Sally Ramadan Mgherbi, twieldet hawn Malta fis-27 ta' April 1996, fl-Isptar Saint Philip's, Psaila Street, Santa Venera, u dana kif jidher mill-anness

ċertifikat tat-twelid bin-numru 1975/1996, markat u esebit bħala Dok. A.

Illi meta r-rikorrenti flimkien mat-tifla minuri tagħhom rritornaw lura ġewwa Tripoli, il-Libya, it-tifla minuri Monaliza Ramadan Mgherbi mill-ewwel bdiet tissejjaħ bl-isem Sally Ramadan Mgherbi, u fil-fatt qatt ma ġiet imsejħa bħala Monaliza.

Illi bħala fatt dana jidher ċar mid-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukażżjoni tat-tifla minuri, u ċioe' ċ-ċertifikati *(report cards)* li nħarġu mill-iskola tagħha, u li jkopru s-snin 2001 sa 2009 (Dok. B sa Dok. I). Dawn mill-bidu nett ħarġu f'isem Sally Ramadan Mgherbi.

Illi jidher ċar ukoll li l-minuri tissejjaħ bħala Sally Mgherbi anki mill-kopja tal-passaport Libjan tagħha, (Dok. J), li l-oriġinal tiegħu ser jiġi prodott waqt it-trattazzjoni tal-każ.

Illi dan il-fatt jirriżulta anki mid-Dokumenti 'K' u 'L' maħruġin mill-ISM International School ġewwa Tripoli, Libja, fejn it-tifla minuri tattendi l-iskola, kif ukoll mid-Dokument 'M', li huwa estratt tal-Family Book numru 189438 miżmum fir-Reġistru Ċivili, fi Tripoli.

Illi jekk ikun il-każ, ir-rikorrenti jistgħu jipproduċu dokumenti uffiċjali oħrajn li juru li l-minuri Monaliza Mgherbi minn dejjem ġiet imsejħa u mniżżla bħala Sally Mgherbi, u li fil-fatt hija qatt ma ġiet imsejħa bl-isem Monaliza.

Illi l-familjari u ħbieb tal-minuri minn dejjem kienu jafuha bħala Sally Mgherbi, u minn dejjem sejħulha hekk.

Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu illi *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), issir d-debita korrezzjoni meħtieġa fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 1975/1996.

Għaldaqstant r-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru 1975/1996 fis-sens illi isem il-minuri 'Monaliza Ramadan Mgherbi' jinbidel għal 'Sally Ramadan Mgherbi', billi dan tal-aħħar huwa verament l-isem tal-istess minuri u minn dejjem ġiet imsejħa bħala Sally Ramadan Mgherbi;

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-istess Ċertifikat tat-Twelid bin-numru 1975/1996, billi kull fejn hemm imniżżel l-isem 'Monaliza' dana jiġi sostitwit bl-isem 'Sally', u li l-istess korrezzjoni tiġi reġistrata permezz ta' nota fil-marġini tal-Att tat-Twelid numru 1975/1996.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors ġuramentat tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-16 ta' Frar 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikażżjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħedhom, m'humiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jesiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tar-rikorrenti *ossia* li tul ħajjitha l-minuri kienet konsistentement msejħa bħala Sally u mhux Monaliza;

4. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti

m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikażzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata billi t-tifla minuri tal-atturi *nomine* bdiet tissejjaħ Sally kif waslu Malta u baqgħet tissejjaħ hekk sa issa. Ma jidhirx pero' illi l-konvenut jaħti għal dan l-istat ta' fatt u kwindi ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------